**601. L-Onor. Mario de Marco, l-Onor. Karol Aquilina, l-Onor. Jason Azzopardi u l-Onor. Robert Cutajar jipproponu:**

Peress illi permezz tal-Avviż Legali 419 tal-2021 il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għamel regoli li permezz tagħhom ipprovda għal eżenzjoni mit-taxxa fuq trasferiment tal-proprjetà jekk isir ħlas kontra l-arretrati ta' taxxa;

U peress li l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għamel l-imsemmija regoli mingħajr ebda konsultazzjoni pubblika;

U peress li l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol lanqas biss ħabbar u spjega b'mod pubbliku r-raġunijiet u l-effett ta' dawn ir-regoli;

U peress li l-Kamra tal-Kummerċ ikkritikat b'mod pubbliku d-deċiżjoni tal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol li jagħmel dawn ir-regoli u sostniet li minn dawn ir-regoli ser jibbenefikaw biss dawk li jonqsu milli jħallsu t-taxxi u ma jieħdux in konsiderazzjoni dawk il-persuni u n-negozji li jħallsu t-taxxi dovuti minnhom kif suppost;

U peress li l-Kamra tal-Kummerċ iddeskriviet l-imsemmija regoli bħala inġusti fuq dawk il-persuni u negozji li jħallsu t-taxxi dovuti minnhom kif suppost;

U peress li l-Malta Developers Association pubblikament iddisassoċjat ruħha mill-imsemmija regoli u stqarret li l-Gvern għandu jsib mezzi kif jiġbor it-taxxi dovuti lilu mingħajr ma joħloq "*unlevel playingfield"*;

U peress li l-Malta Developers Association stqarret ukoll li l-imsemmija regoli ser joħolqu kompetizzjoni inġusta u ddeskriviethom bħala regoli li jiddiskriminaw kontra persuni li mhumiex sidien ta' proprjetà immobbli;

U peress li l-Malta Institute of Taxation u l-Institute of Financial Services Practitioners stqarrew pubblikament li l-imsemmija regoli għandhom jiġu mħassra filwaqt li sostnew li f'demokrazija moderna u matura m'għandux ikun hemm mekkaniżmu li permezz tiegħu l-Gvern jippremja lil dawk il-persuni u negozju li jonqsu milli jħallsu t-taxxa dovuta minnhom;

U peress li l-Malta Institute of Accountants stqarr pubblikament id-diżapprovazzjoni tiegħu għall-imsemmija regoli, iddiskrevihom bħala daqqa ta' ħarta f'wiċċ in-negozji li jimxu skont il-liġi u sostna li l-imsemmija regoli jxekklu b'mod serju l-ġlieda ta' pajjiżna kontra r-reati ta' natura finanzjarja;

U peress li huwa l-obbligu tal-Gvern li b'mod ġust u responsabbli jiżgura l-ħlas u l-ġbir tat-taxxi minn persuni u negozji fir-rispett sħiħ tal-prinċipji tal-moralità fiskali;

Għaldaqstant din il-Kamra taqbel u tirrisolvi li tħassar, tirrevoka u tannulla r-Regoli tal-2021 dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Trasferimenti ta' Proprjetà (Tpaċija ta' Arretrati ta' Taxxa) - Avviż Legali 419 tal-2021.

17.11.2021